ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 23** **IL-ĦAMIS 7 TA' NOVEMBRU 2013**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa ma saritx minħabba nuqqas ta' kworum peress li attendiet il-Kunsilliera Margaret Mercieca biss.

Konsegwentament, il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Antoine Saliba Haig (attenda fis-7.00pm) u Sean Meli.

Il-Kunsilliera Margaret Mercieca attendiet ghal-laqgha fl-4 ta' Novembru 2013.

Il-Kunsilliera Robert Reno Cremona u Jason Busuttil infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**23/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 22**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 22 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sebgħa** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 22 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**23/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**23/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgħa mal-Prinċipal il-ġdid tal-Kulleġġ San Injazju u l-kapijiet tal-iskejjel li għandna fil-lokalita'. Is-Sindku sostniet li fil-laqgħa ġew diskussi diversi problemi li għaddejjin minnhom l-iskejjel fejn il-Kunsill jista' jkun ta' għajnuna, kif ukoll għandhom isiru numru ta' attivitajiet flimkien mal-iskejjel li għandha tibda proprju f'Jum il-Mara. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li se tiġi mnedija kompetizzjoni tat-tpinġija relatata mal-Milied bejn it-tfal tal-iskejjel primarja fejn l-aħjar tpinġija titpoġġa bħala l-*cover page* tad-Dielja. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** xtaq jieħu l-okkazjoni biex ifakkar li għad ma nistgħux nikkuntattjaw lit-tfal li pparteċipaw fil-kompetizzjoni li saret relatata ma' Jum Ħal Qormi peress li l-iskola għadha ma għadditx id-dettalji. Il-Kunsill għandu jerġa jitlob lill-iskola sabiex jgħaddi dawn id-dettalji.

**23/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li x-xogħol fuq l-istatwa ta' San Ġuzepp huwa lest u għad jonqos li jiġi ċċertifikat ix-xogħol. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** sostna li fl-opinjoni tiegħu ma jidhirx li x-xogħol huwa lest jidher li x-xogħol fuq il-pedestall irid jiġi rfinut. **Il-Kunsillier Charles Farrugia** wkoll qal li hemm xi partijiet li għadhom ma ġewx restawrati sew. Il-Kunsill qabel biex jitlob lill-perit jagħmel il-verifiki mal-kuntrattur dwar ix-xogħlijiet li saru u li jonqos isiru.

**23/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll li se jsiru korsijiet għall-Adulti b'xejn b'kollaborazzjoni ma' TCTC, fejn se ssir laqgħa għall-applikanti nhar is-Sibt 9 ta' Novembru 2013 fid-9.30am.

**23/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-Heritage Trail għadu għaddej fejn ix-xogħol fuq il-bandli f'Tal-Blat jinsab fi stadju avvazat filwaqt li x-xogħol fuq il-passaggi jinsab lejn it-tmiem tiegħu. Sar ukoll it-tindif tal-*picnic area* u saret l-ordni tal-bankijiet skont l-offerta li kienet ġiet aġġudikata.

**23/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li inqalgħet problema dwar art viċin il-*picnic area* fejn l-Għaqda tan-Nar 23 t'April kienu juzawha biex jiġi dispost xi materjal għal dawn l-aħħar snin. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet tgħid li din l-għaqda se titlob id-devoluzzjoni ta' din l-art biex tkun tagħhom u tkun tista' tingħalaq u ma tkunx fil-periklu tal-pubbliku. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** saqsiet lill-Viċi-Sindku kif il-Kunsill preċedenti kien għazel din iz-zona għall-*picnic area* meta fl-istess akwata l-Kunsill kien jaf li qed tintuza mill-Għaqda tan-Nar. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** xtaq jiċċara li huwa ma kienx jaf x'inhu jsir f'din l-art, u li kien jaf huwa li din l-art kienet ingħatat mis-Sindku preċedenti ftit xhur qabel ma inħatar Sindku huwa, biex jinzergħu xi pjanti u jieħdu ħsiebha l-Għaqda 23 t'April. Il-Viċi Sindku kompla li meta saret l-applikazzjoni, din kienet marbuta b'ħin u l-

postijiet magħzula saru flimkien mal-perit u intagħzlu fuq il-linji gwida pprovduti mill-applikazzjoni.

**23/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill dwar sessjoni ta' tagħrif li se tkun qed tiġi organizzata flimkien mal-BOV plc dwar il-JEREMIE Fund, liema attivita' qed issir b'inizjattiva tal-kunsillier Sean Meli. Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-Kunsill li se tkun qed tattendi għal din is-sessjoni flimkien mal-Kunsillier Sean Meli dakinhar stess tal-laqgħa fis-7.15pm.

**23/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fuq inizjattiva tagħha, inkiseb sponsor mill-PAVI Supermarket sabiex isir tisbiħ tar-roundabout fejn hemm il-monument tal-GM Manoel de Pinto. Is-Sindku kompliet tinforma li għad irid isiru taħdidiet mal-ELC li wkoll urew interess li jagħtu kontribut f'dan il-proġett. Is-Sindku kompliet tgħid li minkejja li din ir-roundabout ma taqax taħt ir-responsabbilta' diretta tal-Kunsill, il-Kunsill qiegħed jara kif din tiġi msebbħa għaliex hija d-daħla ta' Ħal Qormi.

**23/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li f'laqgħa li saret mal-Ministru Mallia rigward l-infurzar mill-Pulizija u probemi oħrajn relatati ma' vandalizmu u abbuzi oħrajn, ġie miftiehem biex issir laqgħa oħra fil-prezenza tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-21 ta' Novembru.

## 23/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2013

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ottubru 2013
**b)** *Bank Payments* Ottubru 2013.
**c)** *Petty Cash* Ottubru 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Sebgħa** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**23/04 MOZZJONIJIET**

**23/04/01 MOZZJONI – 84-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Sean Meli sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*"Qed nipproponi li minħabba li Cikku Degiorgio tal-Fjuri għannej Qormi, miet madwar sena ilu, fil-post fejn għex titwaħħal irħama komemorattiva tiegħu."*

Wara diskussjoni, il-Kunsillier Sean Meli ressaq emenda bil-mozzjoni ġiet taqra hekk:

*"Nipproponi li minħabba li Cikku Degiorgio tal-Fjuri għannej Qormi, miet madwar sena ilu, fuq talba tal-familja tiegħu, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-familja tiegħu twaħħal irħama komemorattiva tiegħu fil-post fejn għex."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar issekondat din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 84-2013 (VI).**

**23/04/02 MOZZJONI – 85-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Sean Meli sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*"Qed nipproponi li terġa toħroġ is-sejħa sabiex hekk kif imwiegħed fil-programm eletorali jsir stħarrig mar-residenti qriema permezz ta' sample. Din il-mozzjoni tirreferi għal mozzjoni 54/2012."*

Wara diskussjoni, il-Kunsillier Sean Meli ressaq emenda bil-mozzjoni ġiet taqra hekk:

*"Nipproponi li terġa toħroġ is-sejħa sabiex hekk kif imwiegħed fil-programm eletorali jsir stħarrig mar-residenti qriema permezz ta' sample sakemm dan l-istħarriġ ma sarx minn xi entita' oħra fi stħarriġ oħrajn simili. Din il-mozzjoni tirreferi għal mozzjoni 54/2012."*

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 85-2013 (VI). Il-Kunsill għandu jivverifika mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jekk dwar jekk inħarigx xi stħarrig simili.**

**23/04/03 MOZZJONI – 86-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Nipproponi biex il-Kunsill Lokali ikun qed jippartecipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;*

*Biex ikompli jahdem id f'id mal-ghaqdiet lokali;*

*Nipproponi biex bhalma ghamel fis-snin precedent il-Kunsill Lokali jidhol fi ftehim :-*
*mal-Ghaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan;*
*mal-Kumitat Festi Esterni San Gorg sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq il-Kbira/ Pjazza San Franġisk;*
*mal-Ghaqda Socjo Muzikali Anici sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq San Gwakkin Schembri u l-madwar*
*mal-Għaqda Triq il-Ħabbiez sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq il-Habbiez u l-madwar*

*Fejn il-Kunsill ihallas tal-ispejjez involuti bl-istess arranġamenti tas-sena l-oħra."*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 86-2013 (VI).**

**23/05 RAPPORTI**

**23/05/01 MEMO 25/2013 – SKEMA TA' INIZJATTIVA TA' ATTIVITAJIET**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-Memo maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna japplikaw għal attivitajiet nazzjonali li jistgħu jorganizzaw fil-lokalita' tagħhom. Il-Kunsill għadda din il-memo lill-għaqdiet lokali biex min hu

interessat japplika konġuntament mal-Kunsill għandu jagħmel dan sad-dati stabbliti.

**DOK 'B'**

**23/05/02 LINJI GWIDA DWAR IPPRINTJAR U PHOTOCOPYING**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** fakkar li skont Mozzjoni 73/2013 mressqa mill-Kunsillier Sean Meli u approvata fis-Seduta Nru19 li nżammet fil-5 ta' Awwissu 2013, huwa kien qed iressaq abbozz ta' dawn il-linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva nem.con dawn il-linji gwida li għandhom jintbagħtu lill-għaqdiet lokali kollha.

**DOK 'C'**

**23/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D1-4'**

1. Nominazzjonijiet mingħand żewġ żgħażagħ għall-ħatra ta' Ambaxxattur taż-żgħażagħ li ser ikun jista' jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill iżda ma jkollux jedd ta' vot. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar din il-ħatra.

**23/06/01 Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig attenda għal-laqgħa, filwaqt li s-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Sean Meli** skużaw ruħhom mil-laqgħa peress li kellhom jattendu għall-attivita' organizzata mill-Kunsill flimkien mal-BOV dwar sessjoni ta' tagħrif lis-settur kummerċjali rigward JEREMIE Fund. Għaldaqstant, **il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ippresieda l-kumplament tal-laqgħa.

Il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu biex l-ewwel Ambaxxatur ikun Tyrone Borg peress li huwa ikbar fl-eta mill-kandidat l-ieħor, Dylan Falzon, li għandu jkollu ċ-ċans ikun Ambaxxatur wara s-Sur Borg.

2. Talba mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi biex l-attivita' skont il-kuntratt li għandha mal-Kunsill biex jittella' l-Festival tal-Qastan, minflok tiġi organizzata l-attivita' bl-isem "Il-Milied f'Ħal Qormi" fit-13 ta' Diċembru 2013. Il-Kunsill approva *nem.con*.

3. Korrispondenza mingħand *l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali* fejn il-Kunsilliera ġew mistiedna għal-laqgħa mal-President il-ġdid ta'

din l-Assoċjazzjoni, Dr Marc Sant, fid-19 ta’ Novembru 2013. Il-Kunsilliera ħadu nota.

4. Korrispondenza mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar il-proġett LIFE+ DemoEV, fejn il-Kunsill ġie infurmat li fil-ġranet li ġejjin għandhom jiġu installati *charging pillars* fejn vetturi li jaħdmu bl-elettriku jkunu jistgħu jiġu ċċarġjati. Dawn ser isiru f’siti li kien iddentifika l-Kunsill stess, jiġifieri f’Misraħ il-GranMastru u fi Triq Ġużè Cardona. Il-Kunsill ħa nota.

5. Korrispondenza mill-Kunsillier Robert Reno Cremona fejn talba li s-seduti tal-Kunsill jibdew isiru fis-7.30pm minħabba impenji ta’ xogħol. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ġibed l-attenzjoni li minħabba impenji ta’ xogħol qed iressaq talba li l-laqgħat ma jibqgħux isiru nhar ta’ Tnejn. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 3 ta’ Diċembru 2013 fis-6.30pm filwaqt li dakinhar jiddiskuti jekk jibqax jiltaqa’ nhar ta’ Tlieta. Fir-rigward tal-ħin, ma kienx hemm qbil li l-laqgħa ssir fis-6.30pm. Il-Kunsillier Ralph Puli xtaq jirreġistra li huwa kien qed jaqbel li l-laqgħa ssir fis-7.30pm ladarba kien hemm kunsillier ma jistax jiġi qabel minħabba impenji ta’ xogħol.

**23/07 INFORMAZZJONI**

**23/07/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li x-xogħlijiet fuq il-pont ta’ Triq il-Mitħna qed idum u hemm bzonn li tittieħed azzjoni biex jimtlew il-gandotti li saru biex saru s-servizzi fi Triq il-Wied, liema xogħlijiet huma relatati mal-proġett ta’ kontra l-għargħar. Il-Kunsill għandu jibqa’ jinsisti mal-awtoritajiet biex x-xogħol ma jaqax lura u biex jitneħħew l-inkonvenjenzi u periklu.

**23/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2013 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-07:45 ta’ fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta’ ...................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)